# Is-Seba' Erbgħa

Dan huwa l-aħħar Erbgħa għal din is-sena! 7 Erbgħat ġew u għaddew! Llum inħarsu lejn is-sena dulur ta' San Ġużepp li huwa meta ntilef it-tfajjel Ġesu' u Ġużeppi u Marija jerġgħu lura Ġerusalemm biex ifittxuh. Ma reġgħux lura biss għax iħobbuh imma wkoll għax huma kienu jafu xi ħaġa dwaru li ħadd aktar ma kien jaf biha u beżgħu li jekk in-nies jindunaw b'xi ħaġa ma jkunux jistgħu jifhmuha u Ġesu kien ser ibati ħafna. Ġużeppi żgur li tertaq qalbu iżda l-Mulej żgur li ppremjah meta sabu fit-tempju. Hawnhekk għandna xena importanti fejn f'Ġużeppi żgur insibu taħlita ta' emozzjonijiet! Marija tgħid lil Ġesu li kienu qed ifittxuh u hu jsaqsiha " ma tafx li jien irrid nkun f'dar missieri?". Hanhwkke għandna taqliba sħiħa f'Ġużeppi. Ġużeppi jinduna li Ġesu għaraf min hu verament u min hu verament missieru. Fi kliem ieħor Ġesu urieh biċ-ċar li hu kien jaf li Ġużeppi mhux missieru. Jien naħseb li Ġużeppi ħass qalbu tingħafas dak il-ħin iżda nimmaġina l' Ġesu jdur lejn Ġużeppi u jitbissimlu u jgħajjatlu 'missier' u Ġużeppi żgur feraħ li għalkemm Ġesu għaraf li hu kien iben Alla, xorta waħda ried lil Ġużeppi jkun missieru.

F'dan l-aħħar ħsieb tiegħi nħeġġiġkom biex tieħdu sehem attiv fil-festi ta' barra u anke ta' ġewwa. Hu mportanti li minbarra l-ġisem, għallinqas fil-fest, nmantnu anke lil ruħna. Ġużeppi żgur li jkun aktar kuntent jekk qabel il-marċ jarak tieħu sehem fil-quddiesa. Aħna l-familja ta' Ġużeppi fil-Kalkara u għandna nieħdu sehem attiv fil-festa fil-Knisja sabiex wara nkunu nistgħu niċċelebraw flimkien fit-toroq tagħna. Nħeġġiġkom biex fil-marċijiet nkomplu nur li aħna nies maturi u li nafu niċċelebraw mingħajr inkwiet! San Ġużepp iberikkna u jħarisna dejjem! Il-festa t-tajba l-aħwa!

**Bro. Deo Debono**